# L-GĦERF TAL-QWIEL MALTIN

Essay ta' PAWLU CACHIA

"Asaħħ kelmet il-Malti,
minn ħalfet is-sultan!"

"Staqsi dejjem lill-imġarrab", igħid il-qawl Malti. Għaliex ħadd jaqsu ma jista' jagħtik parir siewi u għaqli billi dan, iktar u iktar jekk ikun mgħobbi bis-snin wisq iżjed minnek, ikun diġa għadda mit-twegħir ta' dik it-triq li għalik issa tidher imwaħħxa u lesta biex taqtagħlek nifsek u tifnik matulha.

Imbagħad dik it-twissija li jagħtik tibqa' tixtarrha, tgħożżha, tiftakarha u ġġibha quddiem għajnejk meta tkun teħtiegħa.

Xi drabi, iżda, l-esperjenza titgħallimha minn rajk u din tkun l-aħjar twissija għalik, għax il-vittma tkun int stess. L-għelt tkun ġibtu b'idejk, tħossu waħdek u forsi jkunu ħsibijietek u għamilek li waqqgħuk fih. Meta tkun tgħallimtha u għamiltha tiegħek, din l-esperjenza tibda xxerridha biex tiswa ta' nitfa ġid għal ħaddieħor bħalma ta' ħaddieħor kienet għalik.

Forsi mhux dan li għamlu missirijietna, meta dak il-fomm megħjun mit-taħbit tal-qalb u t-tħassib tal-moħħ ħareġ dawk is-sensiela ta' sentenzi qosra, imma mimlijin għerf kbir; għerf li għax jissejjaħ hekk, ma jiqdiem qatt, u qatt ma jintrefa' fl-arkivji ta' l-imgħoddi fejn il-kamla qerrieda tista' ġġibu fix-xejn? Għerf il-qwiel m'huwiex għerf ix-xjenza li mal-mixja ta' mitt sena jingħad bħala logħob tat-tfal, billi dan l-istudju qed jagħmel passi ta' ġgant minn ħin għal ieħor. Imma iżjed ma jgħaddu snin u jitbiddlu x-xejriet tagħhom, il-qwiel aktar jiddawlu u aktar jitwettaq għerfhom.

Is-snin tal-qwel Maltin huma kbar daqskemm huma kbar is-snin tal-bniedem f'din il-Gżira. Il-bniedem mindu beda jitkellem u beda jġarrab kulma taf tagħti d-dinja beda jinseġ il-qwiel, jew aħjar dak id-dehen miġbur fi ftit kliem wara xi tiġrib li minħabba l-ħeffa u ċ-ċokon tagħhom jibqgħu mkaħħlin mal-moħħ u ma jitħassru qatt minn hemm. Għaliex dawn bdew jissawwru fuq il-binja ta' ġrajjet il-bniedem, it-tfixkil li jiltaqa' miegħu kuljum, it-taħbit tal-ħidma tiegħu li minnha jaqla' l-ħobża ta' għixinu u tal-familja tiegħu. Minn hekk naraw li l-qwiel, jew kif xi drabi nsejħulhom, "proverbji", ma ġewx kif ġie ġie jew xi ħadd qagħad iqalleb u jistaqsi għalihom biex jiġborhom u jsibhom, iżda huma l-għasir ta' l-esperjenza li kiddet u ferrħet lill-Malti. Warajhom hemm ġrajjiet



ferrieħa jew inkella ta' stagħġib, ta' tbeżbiża, ta' tħammir il-wiċċ jew ta' niket. Fi ftit kliem, ġrajjiet li laqtuh l-aktar mill-qrib lill-bniedem li kellu x'jaqsam magħhom.

L-għerf tal-qwiel tagħna ħadd ma tgħallmu minn xi ktieb bħalma aħna nitgħallmu u nkissru moħħna fuqu għal xi eżami. Il-qawl fil-bidu tgħallmu għalih wieħed waħdu, imbagħad dan qalu lill-ieħor, ieħor lil ieħor, u t-tagħlima tiegħu baqgħet dejjem tinxtered, tinfirex u tiġri minn fomm għal ieħor sakemm waslet f'ħalq kulħadd, u kulħadd żammha għalih.

It-tagħlim li jġorru magħhom il-qwiel huwa kbir daqskemm huwa sabiħ u kbir id-dehen li jxandru u jnisslu f'kull wieħed. Għerfhom, minnaħa l-oħra huwa xefaq bla qies minħabba dan kollu, jiġbdu għal warajhom kull xorta ta' tagħlim kemm dak li jressaqna lejn Alla u lejn ħutna l-bnedmin, kif ukoll dak li jħabbibna ma' kobor il-ħolqien.

Proverbji li jħallulna ġid fejjiedi għar-ruħ, hemm daqs ix-xita. U dan ma jistax jonqos, ġaladarba Malta hija magħġuna b'moħħ, qalb u demm Nisrani li kebbsu fiha l-Appostlu tal-Ġnus. Il-biċċa l-kbira tal-qwiel, fuq dan is-suġġett, jitkellmu fuq Alla bis-setgħat kollha tiegħu. Għax il-Malti fih u fih biss jittama, igħix u jsib l-hena tassew. Fih iqiegħed l-għajnuna fil-ħidma ta' idejh u bih biss jemmen fil-ġid ta' daru. Il-Malti qatt ma warrbu 'l Alla għax jaf fuq li jaf li huwa biss hu l-għajn waħdiena ta' kull ġid. Il-qwiel li jitkellmu fuq Alla fihom għerf li ma bħalu. Kieku kellna noqogħdu nifluhom tajjeb konna ndumu sigħat sħaħ nitgħaxxqu bix-xmara ta' ġid li wieħed jista' jieħu minnhom.

Barra minn fuq Alla u l-kobor tiegħu, hemm proverbji oħra li juruna kif għandna nġibu ruħna mal-bqija tal-bnedmin, x'għandna nagħmlu biex naħarbu minn kull xkiel u x'għandna nagħmlu biex ma ngħalltu 'l ħadd meta nafu li ħaddieħor sa jonsob lilna. F'kelma waħda, il-qwiel irattbu u jibnulna karattru tajjeb, sod u li ma jkollu qatt għax jaqla' ċanfir jew tmaqdir.

Fl-aħħar hemm qwiel dwar it-temp, ix-xhur u x-xogħol tal-biedja. Qwiel li ħarġu minn fomm il-bidwi Malti; bidwi ħaddiem; għaqli u ħabib tal-beraħ li l-għaxqa tiegħu m'hix ħlief l-imgħażqa u l-kallijiet ta' idejh. Għalkemm ħaddiem l-art, huwa għaref biżżejjed biex jidħol fil-fond ta' senegħtu. U dan il-ħsieb għandu jimlieh bit-tama u l-fiduċja fil-Ħallieq. Għaliex għerfu u l-għerf ta' bniedem ieħor mgħallem bil-pinna u fi skejjel għolja huwa l-istess la darba ħadd m'huwa msejjaħ biex iterraq mogħdija waħda.